Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Talba Numru. 1028/2003

**Anthony u Ludgarda konjugi Catania**

**Vs**

**Lorenzo Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz ipprezentat fit-23 ta’ Mejju 2003 li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ disa’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm923.14c) u dan rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut kien qed isuq vettura GVH 474 fil-15 ta’ Marzu 2003 fil-limiti ta’ San Pawl il-Bahar u dan habat mal-vettura GAQ 609 proprjeta’ ta’ l-atturi u misjuqa minn Ludgarda Catania, liema ncident l-atturi allegaw li l-konvenut huwa unikament responsabbli.

Illi l-konvenut gie debitament notifikat fis-17 ta’ Novembru 2003 u pprezenta Risposta li permezz taghha huwa qal li


Qrati tal-Gustizzja

t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante ghall-incident *de quo* tahti biss Ludgarda Catania.

Sema' x-xhieda ta' PS 1096 Edmond Cuschieri u ta' Ludgarda Catania.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-Kapitolu pprezentat mill-atturi fis-seduta tas-6 t'April 2004.

Ra l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat mill-atturi fis-seduta tas-6 t'April 2004 u ghalhekk dan qed jitqies bhala mistqarra. Jrid jinghad pero' illi din titqies bhala prova bhal kull prova ohra li giet imressqa fl-atti u galadarba f'din il-kawza hemm provi ohra, dawn ghandhom jigu konsiderati.

Illi mix-xhieda ta' Ludgarda Catania u tas-Surgent PS 1096 Edmond Cuschieri jirrizulta li l-attrici kienet qed issuq il-vettura.

Illi huwa ben maghruf illi f'kazijiet simili, *fire-engine* ghandha d-dritta u li traffiku iehor li jkun hemm fit-triq huwa obbligat li jaghti d-dritta f'kull hin u f'kull mument. F'dan il-kaz pero' ghandna sitwazzjoni fejn ghalkemm fl-istatement li ghamel il-konvenut meta sar ir-rapport tal-kaz, huwa ddikjara li kellu s-sireni kollha mixghulin, mill-provi li gew attwalment prodotti jirrizulta illi kien biss ftit qabel l-incident li l-attrici ndunat li s-sireni kienu mixghulin u li kien gej *fire-engine*. L-attrici xehdet illi malli hija ndunat li kien gej *fire-engine* hija waqfet u ceditilha.

Jirrizulta wkoll pruvat illi fic-cirkostanzi normali, l-attrici kienet fid-dritta u li kienet harget fuq *traffic light* li kien ahdar. Jirrizulta wkoll pruvat illi hija ezegwiet dak li gie mpost fuqha skond il-ligi li malli ndunat bil-*fire-engine* hija

waqfet u cediet li din tghaddi. Certament l-attrici m'ghamlet xejn hazin u s-sewqan taghha bl-ebda mod ma jista' jigi censurat.

Jirrizulta wkoll pruvat illi kien hemm spazju bizzejjed biex din il-*fire-engine* tghaddi u fil-fatt wara l-incident *fire-engine* iehor ghadda liberament u baqa' sejjer. Jidher car illi l-kawza prossima ta' l-incident kien is-sewqan tal-konvenut li, minkejja kellu spazju sufficjenti minfejn ighaddi, xorta wahda laqat il-vettura ta' l-attrici.

Taht dawn ic-cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi ghall-incident jahti l-konvenut. Hu kien qed isuq *fire-engine* u kellu s-sireni u d-dwal mixghulin u b'hekk skond il-*Highway Code* kellu d-dritt li jghaddi, pero' dan ma jfissirx li m'ghandux joqghod attent. Din id-dritta tigi koncessa eccezzjonalment u meta tigi ezercitata s-sewwieq tal-*fire-engine* ghandu juza l-massima kawtela fic-cirkostanzi. Huwa evidenti li f'dan il-kaz is-sewwieq tal-*fire-engine* ma kkalkulax sew is-sewqan tieghu u minhabba kalkulazzjoni hazina huwa laqat il-vettura ta' l-attrici.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati kemm mix-xhieda kif ukoll mid-dokumenti esebiti.
Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm923.14c) bl-ispejjez u bl-interessi, liema nteressi jibdew jiddekorru mis-17 ta' Novembru 2003 li hija d-data meta huwa gie notifikat bl-atti ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------